# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF JOSEPH AZZOPARDI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa, 12 ta' Lulju, 2019.**

**Numru 5**

**Rikors numru 1309/10MCH**

**Dr Louis Buhagiar**

**vs**

**UCIM CO Limited bħala aġent hawn Malta tas-soċjeta` estera Fiat S.p.A.; u Fiat S.p.A.**

**PRELIMINARI:**

1. Dawn huwa:

- **appell prinċipali** ad istanza tas-soċjetajiet konvenuti mis-sentenza tat-12 ta' Diċembru 2013 mogħtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, li permezz tiegħu qed jitolbu lil din il-Qorti sabiex tvarja tali sentenza, billi filwaqt li tikkonfermaha in

kwantu ċaħdet ir-raba’, il-ħames u s-sitt talbiet attriċi, tħassarha fejn ċaħdet l-eċċezzjonijiet tagħhom u laqgħet ir-rimanenti talbiet attriċi, u minflok tilqa’ l-eċċezzjonijiet tagħhom u tiċħad ir-rimanenti talbiet attriċi; u

- **appell inċidentali** ad istanza tal-attur appellat mis-sentenza tat-12 ta’ Diċembru 2013 mogħtija mill-Prim’ Awla tal-Qorti Ċivili, li permezz tiegħu hu wkoll qed jitlob lil din il-Qorti tvarja tali sentenza, fis-sens li tikkonfermaha in kwantu ċaħdet l-eċċezzjonijiet tas-soċjetajiet konvenuti u laqgħet it-talbiet tiegħu fis-sens li s-soċjetajiet konvenuti in solidum għandhom iħallsuh lura l-prezz tal-bejgħ tal-vettura ai termini tal-Artikolu 1390 tal-Kap 16, u tvarjaha fis-sens li tilqa’ r-raba’, il-ħames u s-sitt talbiet attriċi, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-istess soċjetajiet konvenuti.

2. Għal intendiment aħjar ta’ dan l-appell is-sentenza mogħtija mill-ewwel Qorti qegħda tiġi hawnhekk riprodotta fl-intier tagħha:

> ”Rat ir-rikors guramentat tal-attur tas-17 ta’ Dicembru 2010 li jghid hekk:
>
> “Illi r-rikorrent akkwista minghand is-socjeta intimata UCIM Co. Limited il-vettura tal-marka Alfa Brera targata BET-510. Is-socjeta UCIM Co. Limited hija agent hawn Malta tas-socjeta l-ohra intimata Fiat S.p.A., socjeta estera fl-Italja. Ghalhekk il-vettura giet supplita lis-socjeta intimata UCIM Co. Limited, qua agent hawn Malta, mis-socjeta estera intimata, Fiat S.p.A li hija responsabbli ghall-fabbrikazzjoni u produzzjoni tal-istess vettura;

“Illi r-rikorrent ilu issa ‘il fuq minn sena jilmenta mas-socjeta intimata UCIM Co. Limited li l-vettura suindikata ma gietx ikkonsenjata lilu skont il-kwalita miftehma skont il-ligi u dana billi ghal xhur shah zviluppat difetti f’post jew iehor taghha u dana wara li l-rikorrent dejjem u biss hadha regolarment ghas-'service' ghand is-socjeta intimata UCIM Co. Limited liema 'service' ma sewwiex il-problemi ta' kwalita anzi l-istess vettura f’qasir zmien spiccat minghajr zejt b’dannu kbir ghall-magna tal-istess vettura u ghar-rikorrenti qua proprjetarju tal-istess vettura;

“Illi wara dan ir-rikorrent rega' dahhal il-vettura ghand is-socjeta intimata UCIM Co. Limited u gie informat li kellha tinbidel il-magna kollha tal-istess vettura. Fil-fatt hekk sar, u l-magna nbidlet b'ohra gdida u dana a spejjez interament tar-rikorrent u bit-telf t'uzu min-naha tieghu tal-istess vettura ghal xhur shah liema telf hu baqa' qatt ma gie ikkumpensat tieghu mis-socjetajiet protestati jew min minnhom;

“Illi fil-fatt hekk sehh izda meta l-imsemmija vettura regghet bdiet tintuza mir-rikorrent din regghet zviluppat difetti jew baqghet bl-istess difetti ta' qabel li l-kagun taghhom la jafu r-rikorrent u lanqas gie mgharraf x'inhu mis-socjeta intimata UCIM Co. Limited;

“Illi ghalhekk ir-rikorrent jirrileva illi jew il-vettura akkwistata mmnu giet difettuza mill-ewwel meta giet ikkonsenjata mis-socjeta estera intimata u mhux tal-kwalita pattwita;

“Illi x-xoghol u s-‘service' li sar fuq l-imsemmija vettura hawn Malta mis-socjeta intimata UCIM Co. Limited ma tax l-ezitu misthoqq ghaliex il-problemi li kienu hemm mill-bidu baqghu fis-sehh fl-imsemmija;

“Illi r-rikorrent jiccara li hu dan dejjem agixxa u hallas lis-socjeta intimata ghal dak li hija kienet qieghda taghmel fuq l-imsemmija vettura minghajr ebda pregudizzju ghall-posizzjoni tieghu fejn hu dejjem esiga, li jinghata vettura gdida tal-istess ghamla mill-intimati jew mm minnhom;

“Illi jezistu l-elementi kollha a tenur tal-artikolu 1390 tal-Kap. 16 fis-sens illi l-vettura kkonsenjata lill-konvenut ma kenitx skont il-kwalita miftehma;

“Illi kontestwalment ma' din il-kawza r-rikorrent se jippresenta cedola ta' depositu kontententi c-cviewet kollha fil-pusses tieghu tal-vettura imsemmija filwaqt li se izomm l-istess vettura ggaraxxjata u dana sabiex jissalvagwardja l-interessi tieghu u jassikura li ma jkun hemm l-ebda dannu ghall-istess vettura u jagixxi skont id-dettami tal-ligi;

“Illi r-rikorrent ressaq protest gudizzjarju kontra socjetajiet intimati izda dawn baqghu inadempjenti;

“Ghaldaqstant ir-rikorrenti, ghar-ragunijiet suesposti, umilment jitlob li din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

“1. Tiddikjara illi l-vettura Alfa Brera targata BET-510 mibjugha u ikkonsenjata lir-rikorrent ma kinitx skont il-kwalita mifethma;

“2. Tiddikjara xolt il-kuntratt ta' bejgh tal-istess vettura Alfa Brera targata BET-510;

“3. Tikkundana lis-socjetajiet intimati jew min minnhom ihallsu lir-rikorrent il-prezz tal-istess kontra l-konsenja, da parti tar-rikorrent, tal-vettura lis-socjetajiet intimati jew min minnhom; jew, alternattivament, is-socjetajiet intimati jew min minnhom ghandhom jikkonsenjaw vettura tal-istess ghamla u tip izda skont il-kwalita pattwita originarjament;

“4. Tiddikjara lis-socjetajiet intimati jew min minnhom responsabbli ghad-danni sofferti mill-attur;

“5. Jigu likwidati l-istess danni anki jekk ikun il-kaz per mezz ta' perit nominandi; u

“6. Konsegwentement is-socjetajiet intimati jew min minnhom jigu kkundannati jhallsu id-danni hekk likwidati lir-rikorrent.

“Bl-ispejjez, inkluz dawn konnessi mal-protest gudizzjarju mressaq mir-rikorrent u b'riserva ghal kull azzjoni ohra spettanti lir-rikorrent kontra s-socjetajiet intimati minn issa ngunti biex jidhru ghas-subizzjoni.

”Rat ir-risposta guramentata ta’ UCIM Co. Limited li tghid hekk:

“1. Illi t-talbiet tar-rikorrent huma nfondati kemm fil-fatt u kif ukoll fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante li kif ser jigi ppruvat matul din il-kawza, il-vettura Alfa Brera targata BET-510 giet mibjugha u kkonsenjata lir-rikorrent skond il-kwalita miftehma u l-hsarat li zviluppaw fl-istess vettura kienu rizultat ta' nuqqasijiet unikament u esklussivament imputabbli lir-rikorrent;

“2. Illi minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, jigi eccepit li ma tista' tigi mputata l-ebda htija lill-eccipjenti ghall-hsara li allegatament zviluppat fil-vettura wara li nbidlet il-magna tal-istess vettura b'wahda gdida, stante li din id-darba r-rikorrent irrifjuta li jdahhal il-vettura in kwistjoni sabiex tigi ezaminata mill-eccipjenti sabiex jigi kkonstatat x'kien ir-root cause tas-sintomi li kienet qed turi din il-vettura, u dan minkejja diversi interpellazzjonijiet da parti tal-eccipjenti. F'dawn ic-cirkostanzi, fejn ma saret l-ebda dijanjosi u

r-root cause ghadu sal-lum mhux maghruf a kawza ta' inadempjenza unikament attribwibbli lir-rikorrent, ma tista' tigi imputata l-ebda htija u/jew responsabilita lill-eccipjenti;

“3. Salv eccezzjonjiet ulterjuri li jistghu jinghataw waqt il-prosegwiment tal-kawza.

”Rat ir-risposta guramentata ta’ Fiat S.p.A. li tghid hekk:

“1. Illi l-eccipjenti m'hijiex il-legittimu kontradittur tal-kawza odjerna stante li m'hijiex responsabbli ghall-fabbrikazzjoni u produzzjoni tal-istess vettura u fil-fatt, tal-ebda vettura;

“2. Illi minghajr pregudizzju gnall-ewwel eccezzjoni u fil-mertu, it-talbiet tar-rikorrent huma nfondati kemm fil-fatt u kif ukoll fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante li kif ser jigi ppruvat matul din il-kawza, il-vettura Alia Brera targata BET-510 giet mibjugha u kkonsenjata lir-rikorrent skond il-kwalita miftehma u l-hsarat li zviluppaw fl-istess vettura kienu rizultat ta' nuqqasijiet unikament u esklussivament imputabbli lir-rikorrent:

“3. Illi minghajr pregudizzju ghal dak gia eccepit, ma tista' tigi mputata l-ebda htija lill-eccipjenti ghall-hsara li allegatament zviluppat fil-vettura wara li nbidlet il-magna tal-istess vettura b'wahda gdida, stante li din id-darba r-rikorrent irrifjuta li jdahhal il-vettura in kwistjoni sabiex tigi ezaminata mis-socjeta intimata U.C.I.M. Co. Ltd. sabiex jigi kkonstatat x'kien ir-root cause tas-sintomi li kienet qed turi din il-vettura, u dan minkejja diversi interpellazzjonijiet da parti tal-istess socjeta intimata. F'dawn ic-cirkostanzi, fejn ma saret l-ebda dijanjosi u r-root cause ghadu sal-lum mhux maghruf a kawza ta' inadempjenza unikament attribwibbli lir-rikorrent, ma tista' tigi imputata l-ebda htija u/jew responsabilita lill-eccipjenti;

“4. Salv eccezzjonjiet ulterjuri li jistghu jinghataw waqt il-prosegwiment tal-kawza.

“Rat l-atti u hadet konjizzjoni tan-noti ta’ osservazzjonijiet tal-partijiet;

“Rat l-eccezzjoni ulterjuri tal-preskrizzjoni mressqa mill-konvenuti;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza in diffett d’ostakolo.

”**Ikkunsidrat**

“Din hi kawza fejn l-attur qed jitlob li l-Qorti tiddikjara li l-vettura Alfa Brera BET510 mibjugha lilu ma kinitx tal-kwalita patwita billi zviluppat difetti u kellha tinbidel il-magna. Nonostante li nbidlet il-magna l-vettura regghet zviluppat difetti jew l-istess difett ta’ qabel

u ghalhekk gew depozitati c-cwievet u saret il-prezenti kawza fejn intalb ix-xoljiment tal-kuntratt ta' bejgh, il-hlas lura tal-prezz jew vettura ohra tal-istess tip u ghamla u danni sofferti.

"Il-konvenuti laqghu ghal din l-azzjoni billi qalu illi l-vettura kienet tal-kwalita pattwita. Il-hsara fl-ewwel magna sehhet htija tan-negligenza tas-sewwieq tal-istess vettura u fir-rigward tat-tieni magna ebda htija ma tista' tigi imputata lil konvenuti billi ma thallewx jivverifikaw in-natura tal-hsara allegata.

"Il-provi li waslu ghal din il-vertenza huma s-segwenti. Il-vettura Alfa Brera inxtrat mill-attur biex tinstaq principalment minn ibnu Ryan. Skond l-istess Ryan Buhagiar il-vettura inxtrat f'Novembru 2006 u kien joqghod attent kif isuqha u kien jaghmel service regolari. F'Dicembru 2008 hadha ghal service u rreleva li kellu problema bl-isteering wheel li rrizulta li kien difettuz u kellu bzonn jinbidel. Dan inbidel a spejjez tal-kumpanija UCIM wara diskussjonijiet li saru, avolja gie rimpjazzat b'wiehed second hand. Fis-16 ta' Frar 2009 rega' inghata lura pussess tal-vettura ghalkemm kien informa wkoll lit-technician tal-UCIM li l-gauge taz-zejt kien qed jilghab fis-sens li filli jimmarka mimli u mbaghad jimmarka vojt. Inghata parir li l-gauge hu sensittiv ghal inklinazzjonijiet fit-triq. Fit-28 ta' April 2009 il-magna bdiet taghmel hsejjes,u dawl fil-vettura beda jindikalu biex iwaqqaf il-vettura. L-ghada saq il-vettura ghand UCIM. Il-vettura damet xahar u l-magna giet smantellata fejn irrizulta li kien hemm hsara fis-cylinder bores li haraq iz-zejt u l-clutch. Hu u l-mechanic li ha mieghu ma qablux mas-surveyor tal-UCIM li l-hsara grat b'nuqqasijiet tieghu izda sostnew li l-vettura kellha difett. Ma qablux ukoll fuq id-distanza necessarja li jesigi bzonn ta' service. Ir-rizultat pero kien li l-magna inbidlet ma' wahda gdida, spejjez tal-attur. Fl-10 ta' Mejju 2010 il-vettura regghet giet fil-pussess tal-attur bil-magna gdida. Fil-bidu ta' Gunju l-vettura regghet zviluppat problemi meta ma setghetx tixghel hlief b'diffikulta u d-dawl tac-'check engine' regghet bdiet tixghel. Rega' hadha ghand l-UCIM fejn skond l-UCIM kellha sensor jahdem hazin u sar injector cleaner biex tghin l-ignition tal-vettura. Lanqas ghaddha xahar meta fl-14 ta' Gunju 2010 il-vettura regghet bdiet turi l-istess sintomi tal-magna l-antika fejn l-oil gauge rega' beda jilghab. Hadha l-UCIM fejn manwalment irrizulta illi l-engine oil kien tlett kwarti mimli mentri l-gauge juri li hu 'full'. Hu intalab jiehu l-vettura fil-garage pero ma setghax imur dakinhar minhabba xi ezamijiet. Fid-19 ta' Gunju 2010 ipprova z-zejt manwalment u kien qed jaqra li hu nofsu mimli mentri l-gauge beda jimmarka li ma fihiex zejt. F'dan iz-zmien mindu inharget bil-magna gdida kien ghamel 916 kilometri. Hu halla l-karrozza fejn kienet billi kien tmiem il-gimgha. It-Tnejn mar mal-mechanic tieghu u meta ccekjaw l-engine oil manwalment, kien jimmarka fuq il'minimu'. Il-mechanic tieghu spjegalu illi meta l-vettura tiksah iz-zejt ikollu cans joqghod u b'hekk id-differenza bejn dak li kkonstata bin l-attur meta ha l-kejl taz-zejt u jumejn wara meta mar mal-mechanic. Il-vettura giet irmonkata ghand l-UCIM

fejn pero gie konfermat illi manwalment kien jidher li l-engine oil level kien jasal sa nofs mentri l-gauge kien qed jaqra vojt. Ghalkemm l-UCIM cemplu l-Italja ma setghax jifhmu l-problema u l-karrozza giet ritornata lil attur fit-30 ta' Gunju 2010 bil-ftehim li UCIM kienu ser jivverifikaw is-sitwazzjoni kull gimgha. Fl-14 ta' Lulju 2010 irrizulta li fi spazju ta' 760 kilometri l-vettura hliet litru zejt. Gie infurmat illi giet ordnata gauge gdida taz-zejt. Iz-zejt rega' gie mizjud u fit-22 ta' Lulju 2010 l-attur gie mitlub jiehu l-vettura biex isiru xi verifiki ohra mill-UCIM, u fuq perjodu ta' gimghatejn gie infurmat lli l-vettura baqghet titlef iz-zejt b'mod anormali pero ma nghatawx raguni ghalfejn dan kien qed jigri u illi l-UCIM riedu jifthu l-magna gdida. L-attur ma riedx li jibqa' f'sitwazzjoni fejn vettura trid tizdiedilha z-zejt kull ftit kilometri biex ma jigriliex hsara u ghalhekk saret il-kawza.

"Kontra din ix-xhieda hemm ir-rapport ta' Joseph Zammit imqabbad mill-UCIM rigward il-hsara fl-ewwel magna. Dan ikkonkluda li n-nuqqas ta' zejt fil-magna gie kkawzat minn uzu hazin tal-vettura fis-sens li giet imkedda fis-sewqan u dan kien evidenti mill-clutch lining u pressure plate u flywheel u nuqqas ta' servicing regolari fejn jidher li l-ewwel service sar wara li l-karrozza kienet ghamlet aktar minn 4183 kilometri izjed milli suppost. Dan wassal biex ingirfu xi cilindri tal-magna u s-sitwazzjoni kompliet tiggrava specjalment meta nstaqet sal-garage tal-UCIM bil-warning light tal-magna mixghul biex il-karrozza tieqaf tinstaq. In kwantu ghat-tieni magna ma hemm ebda rapport tekniku.

"**Konsiderazzjonijiet legali**

"Il-kawza hi bbazata fuq il-konsenja ta' haga mhix tajba ghall-iskop mixtri. Dan jirrizulta car mill-premessi u talbiet attrici. Il-konvenuti ma jaghmlu ebda oggezzjoni jew oppozizzjoni ghan-natura tal-azzjoni tant li l-eccezzjonijiet taghhom huma fil-mertu fis-sens li giet konsenjata karrozza skond il-kwalita miftehma u illi ma jistghux jinzammu responsabbli ghal dak li ma giex ppruvat cioe l-ilment dwar il-tieni magna billi ma thallewx ihottuha.

"Dawn huma l-parametri tal-azzjoni u l-Qorti ghalhekk qed tintrabat maghhom.

"**Eccezzjoni ta' legittimu kontradittur**

"In kwantu ghall-eccezzjoni preliminari ta' Fiat S.p.A. li mhix legittimu kontradittur, ma ngiebet ebda prova mill-istess socjeta li tissostanzja din l-eccezzjoni u ghalhekk il-Qorti qed tiskartaha.

"**Eccezzjoni ulterjuri tal-preskrizzjoni**

"Ftit qabel ma kellha tinghata s-sentenza s-socjetajiet konvenuti qajmu l-eccezzjoni ulterjuri li l-kawza attrici kienet preskritta ai

termini tal-artikolu 1407 li jghid li l-azzjoni tax-xerrej biex ihassar il-bejgh hi perenta entro sentejn mid-data tal-kuntratt.

"l-iter ta' din il-kawza li nfethet fis-17 ta' Dicembru 2010 hu s-segwenti. L-attur xtara vettura Alfa Brera f'Novembru 2006 pero fl-ahhar tal-2008 meta l-karozza ttiehdet ghal service irrizulta li kien hemm bzonn jinbidel l-isteering wheel li sar a spejjez tas-socjeta konvenuta. F'dak iz-zmien l-attur irreleva illi kien hemm problema fil-gauge taz-zejt li kien jimmarka erronjament l-ammont ta' zejt fil-makna, pero gie moghti parir mis-socjeta konvenuta li l-gauge kien sensittiv ghal inklinazzjonijiet fit-triq. Fi Frar 2009 l-vettura bdiet taghmel hsejjes u timmarkalu li kellu jwaqqaf il-vettura. Wara li gie rilevat fil-garage tas-socjeta konvenuta UCIM li kien hemm hsarat fil-makna, din il-makna nbidlet a spejjez tal-attur billi s-socjeta konvenuta ma accettatx responsabilta. Fl-2010 il-vettura nghatat lura lil attur b'makna gdida u fi ftit gimghat regghet zviluppat l-istess problemi ta' hela ta' zejt kif gara fl-ewwel magna.

"Il-kwistjoni li jrid jigi deciz hu minn meta japplika l-artikolu 1407 kontra l-attur. Hu pacifiku li qatt ma kien hemm assunzjoni ta' responsabilta da parti tas-socjetajiet konvenuti. Hu pacifiku wkoll skond l-artikolu 2137 tal-Kap. 16 illi l-preskrizzjoni tibda tiddekorri minn dakinhar li l-azzjoni tista' tigi ezercitata.

"Hi l-fehma tal-Qorti illi l-azzjoni kif inkwadrata mill-partijiet hi bazata fuq konsenja ta' oggett mhux ideoneju ghal-uzu. L-attur qed jibbaza t-talba tieghu fuq il-bejgh u istallazzjoni tat-tieni makna fil-vettura mixtrija minghand is-socjeta konvenuta u mqeghda fil-vettura mixtrija minghand l-istess ditta tlett snin qabel. Qed juza bhala prova fil-mertu dak li sehh fl-ewwel makna bhala hsara identika ghal din in kwistjoni. Il-Qorti tqis ukoll illi l-makna hi l-parti l-aktar importanti u sinifikanti f'vettura specjalment wahda ta' din il-kalibru u wiehed ma jistax jestrapola l-makna mill-vettura qisha xi accesorju li ma jaghmilx daqshekk differenza fuq l-oggett mibjugh. Ghandu jitqies illi l-makna hi parti principali u intrinsika tal-qafas tal-oggett mibjugh b'mod li wahda bil-fors tikkomprendi lil ohra, u ghalhekk jitqiesu bhal haga wahda.

Hi ghalhekk il-fehma tal-Qorti illi l-azzjoni attrici qed issir ghax is-socjeta konvenuta Maltija bieghet lil attur vettura b'makna li taghmel l-istess vettura mhix adatta ghal uzu li ghalih inxtrat. Kwindi hi l-opinjoni ferma ta' din il-Qorti illi l-perjodu ta' sentejn ghandhom jibdew jiddekorru mhux mid-data ta' meta sar il-bejgh originali fl-2006 izda meta sar in-negozju ossia ftehim gdid fejn il-vettura li kienet inbieghet mis-socjeta konvenuta gie attrezzata b'makna gdida fejn l-allegazzjoni tal-attur hi li hi difettuza u tirrendi l-vettura inadatta ghall-iskop mixtri. Billi l-kawza nfethet fl-istess sena li nbieghet u tqeghdet il-makna fil-qafas tal-vejikolu mibjugh mill-istess socjeta konvenuta, ma ghaddiex it-terminu tal-azzjoni u ghalhekk l-azzjoni tal-preskrizzjoni hi infondata.

“**Mertu**

“In kwantu ghal mertu l-Qorti qed tifhem illi l-azzjoni attrici hi bbazata semplicement fuq in-nuqqas tas-socjetajiet konvenuti li jikkonsenjaw vettura ta’ kwalita tali li ma ghandhiex bzonn tigi kontinwament ccekjata miz-zejt tal-magna li kien qed jinhela b’mod u manjiera irregolari. Jinghad qabel xejn li din hi vettura ta’ kalibru u isem, bi prezz gholi u kwindi wiehed ghandu jistenna li jkollha prestazzjoni mill-aqwa.

“Anki jekk ghal grazzja tal-argument il-Qorti tiskarta dak li gara bl-ewwel magna cioe ir-raguni ghaliex kien qed jinharaq aktar zejt minn normal jibqa’ indubitat illi meta giet istallata t-tieni magna, il-problemi tal-konsum esagerat taz-zejt ma giex spjegat min hadd mill-impjegati jew esperti tas-socjeta konvenuta. F’dan il-kaz ma hemmx spjegazzjoni ta’ uzu hazin tal-vettura u lanqas ta’ grif ta’ cilindru billi l-magna li nbidlet fl-2010 kienet wahda gdida. F’temp ta’ xahar il-vettura bdiet turi sintomi ta’ konsum ta’ zejt esagerat mux rifless fil-gauge.

“Eric Zammit, service manager tal-UCIM xehed li ma jiftakarx li qatt kellhom problema simili b’vettura ohra u kkonferma li l-problema biz-zewg magni kien il-konsum taz-zejt. Rigward il-tieni magna x-xhud qal hekk:

“Xhud: Nista' nikkonferma li wara gimgha z-zejt qed jonqos mhux normali.

“Imhallef: Jigifieri dik intom taqblu li z-zejt kien qed jonqos b'mod mhux normali?

“Xhud: Da zgur.

“Imhallef: Jigifieri taqblu fuqha?

“Xhud: Iva. Issa mbaghad ahna xtaqna nergghu nifthu l-magna bhalma ghamilna l-ohra halli nkunu nafu r-root cause x'inhi. Imma l-klijent

“Imhallef: Il-klijent ma riedx.

“Xhud: Ma xtaqx jasal sa dak il-punt.

“Dr. Bondin: Pero' qed tikkonferma li kien hemm perjodu fejn il-klijent Buhagiar kien jigi regolarment biex taraw il-konsum taz-zejt, jigifieri qed tikkonferma li z-zejt kien qedjonqos b'mod li mhux normali.

“Xhud: It-tieni magna qed tghid.

“Dr. Bondin: It-tieni magna.

“Xhud: Iva nista' nikkonferma, niftakar tajjeb.

“Anthony Galea, foreman fil-garage tal-UCIM qal hekk rigward it-tieni magna:

“Dr. Bondin: Wara li nbidlet il-magna kollha ghandi nifhem li rega' inqala' problema ohra .

“Xhud: Induna li qed tikkonsuma ftit zejt izjed minn normal.

“Xhud: Bdejna niccekjaw perjodikament il-livell li qed jonqos mal-ammont ta' milage li qed jaghmel. X'hin indunajna li l-ammont ta' zejt jikonsuma ruhu aktar minn normal riedna naghmlu xi testijiet. Ghamilna testijiet u rrizulta li kien hemm xi cilindru mill-erbgha (4) li ghandha, baxx aktar minn normali. Hemm hekk iddecidejna li nifthu l-magna u naraw aktar fil-fond ghaliex qed jigri hekk u niktbu barra minn hemm il-quddiem.

“Dr. Bondin: Imbaghad x'sar? Sar dan?

“Xhud: Le waqaf il-kuntatt,

“Imhallef: Ic-cilindru ghandu x'jaqsam maz-zejt?

“Xhud: Iva. Ghax ic-cilindru jekk ikollok cilindru baxx, il-compression baxxa jeskepjaw gases u jeskepja z-zejt.

“Hu minnu illi ma hemmx certezza x’ikkawza l-konsum zejjed ta’ zejt fit-tieni magna ghax din ma gietx zarmata pero l-Qorti tqis illi f’cirkostanzi fejn vettura b’magna gdida mqeghda mill-istess ditta venditrici, tizviluppa hsara simili ghall-ewwel magna, cioe konsum anormali ta’ zejt f’perjodu ta’ gimghat minghajr ma jista’ jinghad f’dawn ic-cirkostanzi li nstaqet ghal perjodu twil bla ma sarilha service jew xi fattur iehor evidenti li jitfa’ htija fuq is-sewwieq u fejn l-istess socjeta konvenuta tammetti li kienet qed tahli zejt b’mod mhux normali, irendi l-vettura mhux adatta ghall-iskop mixtri.

“Dan ma kienx nuqqas ta’ natura minima bhal xi accessorju difettuz li jinbidel facilment bi spiza relattivament zghira izda difett fl-aktar parti essenzjali tal-vettura cioe il-magna, difett li mmanifesta ruhu fil-magna l-antika ghalkemm inghatat opinjoni x’seta’ kkawza l-hsara fil-magna precedenti liema opinjoni giet michuda mill-attur.

“L-artikolu 1390 tal-Kap. 16 ighid li jekk il-haga li l-bejjiegh igib biex jikkunsinna ma tkunx tal-kwalita mweghda x-xerrej jista’ jaghzel li jirrifjuta l-haga u jitlob id-danni.

“F’dan il-kaz irrizulta b’mod sodisfacenti illi t-tieni magna li tpoggiet fil-vettura ma kinitx tal-kwalita miftehma cioe adatta ghall-uzu normali ta’ utent li ma ghandux fi kliem l-attur joqghod biz-zejt f’idejh jimliha kull ftit kilometri biex ma tieqaflux. Tenut kont illi dan in-nuqqas gie riskontrat ftit gimghat wara li giet mqeghda t-tieni magna minghajr raguni ghaliex kien qed jigri hekk irendi l-azzjoni attrici valida fit-termini maghmula. Il-Qorti ma tqis illi s-socjeta konvenuta tista’ tistrieh fuq il-fatt li ma thallietx tiftah il-magna biex tara x’kien qed jikkawza l-konsum zejjed taz-zejt. Il-ftuh tal-magna jfisser li zzarma l-magna kollha bil-possibilta xejn remota li qatt ma hemm garanzija li ser jkun indivivat il-problema u magna tigi ripristinata lura fl-istat orignali taghha anki bit-tibdil ta’ xi parts. Il-Qorti tqis li l-valur u prestigju tal-vettura kif ukoll il-valur ta’ magna gdida (peress li l-bdil tal-ewwel magna thallset mill-attur) ma kienx jiggustifika li s-socjetajiet konvenuti jevadu l-obbligi taghhom fuq il-pretest li ma giex individwat in-natura tad-difett. Il-Qorti tqis li gie individwat b’mod car illi l-vettura ma kinitx idonea ghal sewqan normali bhal kull vettura ohra anki dawk ta’ prezz ferm irhas minn din in kwistjoni.

“Ghalhekk it-talba attrici ghal hlas lura tal-prezz tal-vettura ghandha tintlaqa’ u dan ai termini tal-artikolu 1404 tal-Kap. 16. Ghalkemm l-attur jitlob ukoll id-danni taht l-artikolu 1390 pero ma ngiebu ebda prova ta’ danni mill-attur rigwardanti l-vettura bit-tieni magna u kwindi t-talbiet konnessi mad-danni qed jigu respinti. L-attur fin-nota ta’ sottomissjonijiet qed jitlob danni konnessi mal-bdil tal-ewwel magna pero din il-Qorti ma thossx li dawn huma gustifikati billi l-attur accetta li jibdel il-magna a spejjez tieghu minghajr ebda riserva.

”**Decide**

“Ghalhekk il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi tichad l-eccezzjoni tal-legittimu kontradittur; tichad l-eccezzjoni ulterjuri tal-preskrizzjoni taht l-artikolu 1407; tichad l-eccezzjonijiet kollha tas-socjetajiet konvenuti u tilqa’ t-talbiet attrici fis-sens illi s-socjetajiet konvenuti in solidum ghandhom ihallsu lura l-prezz tal-bejgh tal-vettura Alfa Brera BET510 ai termini tal-artikolu 1390 tal-Kap. 16 u peress li ma giet esebita ebda fattura, il-prezz li ghandu jigi ritornat lill-attur ghandu jkun dak li jidher fil-fattura tal-bejgh, filwaqt li l-attur ghandu jaghmel dak kollu necessarju biex tigi rilaxxata l-vettura lura lis-socjeta UCIM Co. Limited u jaghmel it-trasferiment necessarju spejjez ghal dan ghas-socjetajiet konvenuti in solidum.

“Spejjez jithallsu mis-socjetajiet konvenuti.”

**RIKORS TAL-APPELL tas-soċjetajiet konvenuti (02.01.2014):**

3. Is-soċjetajiet konvenuti ħassewhom aggravati bis-sentenza tal-ewwel Qorti u għalhekk interponew dan l-appell minnha.

4. L-aggravji tagħhom huma tlieta:

**(i) L-Artikolu 2137 li abbażi tiegħu l-ewwel Qorti ċaħdet l-eċċezzjoni ulterjuri intavolata ai termini tal-Art. 1407(1) ma kienx applikabbli:**

L-appellanti jilmentaw li l-ewwel Qorti kienet żbaljata meta ċaħdet l-eċċezzjoni ulterjuri tagħhom abbażi tal-Artikolu 2137 Kodiċi Ċivili (cioe` li l-preskrizzjoni tiddekorri minn dakinhar li tista' tiġi eżerċitata). Jenfasizzaw li l-perjodu ta' sentejn taħt l-Artikolu 1407(1) huwa wieħed ta' dekadenza u jfakkru li l-vettura inxtrat f' Novembru 2006.

**(ii) Id-deċiżjoni tal-ewwel Qorti hija *ultra petita*:**

Fit-tieni lok l-appellanti jenfasizzaw li d-dikjarazzjoni mitluba mill-attur tirrigwarda l-vettura u mhux it-tieni magna. Jilmentaw li l-ewwel Qorti ma għamlitx distinzjoni ċara bejn il-bejgħ tal-vettura u l-bejgħ tat-tieni magna. Jargumentaw

illi l-attur imposta l-kawża fuq il-kwalita` mhux miftehma tal-vettura infisha mibjugħa lilu fl-2006 u mhux tat-tieni magna mibjugħa lilu fl-2010.

**(iii) <u>L-ewwel Qorti għamlet apprezzament ħażin tal-provi:</u>**

Fit-tielet lok taċċenna għal dik il-parti tas-sentenza fejn l-ewwel Qorti qalet li ċ-ċirkostanzi kienu tali li jwassluha biex tikkonkludi li t-tieni magna ma kinitx adatta għall-iskop mixtri. Huma pero` jargumentaw li ma nġiebet l-ebda prova li setgħet serviet bħala bażi biex il-Qorti ssib li huma kienu jaħtu għall-ħsara fit-tieni magna. Fi kwalunkwe każ (b'referenza għall-aggravju preċedenti) ifakkru li t-tieni magna lanqas biss kellha tinkwadra fil-mertu ta' din il-kawża.

**<u>RISPOSTA tal-attur appellat għall-appell prinċipali tas-soċjetajiet konvenuti (26.02.2014):</u>**

5. L-attur wieġeb biex jgħid li l-appell tas-soċjetajiet konvenuti għandu jiġu miċħud stante li l-aggravji tagħhom huma infondati.

(i) <u>Fir-rigward tal-ewwel aggravju</u> jsostni li kienet korretta l-

ewwel Qorti meta irriteniet li huwa seta' jeżerċita l-azzjoni tiegħu biss mill-mument li t-tieni magna twaħħlet fil-karozza. Ifakkar li kien wara diversi ċirkostanzi ta' ħsarat fil-vettura li sar "ftehim ġdid" mas-soċjetajiet konvenuti li dawn iwaħħlu magna ġdida. Jargumenta li kien minn dak il-mument li twaħħlet il-magna, li nibtu ċ-ċirkostanzi tal-kawża u mhux qabel. Iżid jikkummenta li l-magna hija parti integrali mill-vettura u ħaġa waħda magħha.

(ii) Fir-rigward tat-tieni aggravju jsostni li mhux minnu lid-deċiżjoni tal-ewwel Qorti hija *ultra petita.* Hawnhekk ukoll jerġa' jargumenta li l-magna hija ħaġa waħda mal-vettura u li japplika l-prinċipju "*accessorium sequitur principale*".

(iii) Fir-rigward tat-tielet aggravju fl-ewwel lok jgħid li ma jeżistux motivi gravi skont il-liġi biex din il-Qorti bħala qorti ta' reviżjoni tiddisturba l-apprezzament tal-provi tal-ewwel qorti; fit-tieni lok isostni li kienet korretta l-ewwel Qorti meta kkonkludiet li t-tieni magna ma kinitx adatta għall-iskop mixtri. Jargumenta li ċertament li mhux normali li tinqala l-problema taż-żejt bħal dik li inqalgħet ftit ġimgħat biss wara li twaħħlet.

**APPELL INĊIDENTALI tal-attur appellat (26.02.2014)**

6. L-attur appellat, ai termini tal-Artikolu 240 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, ipprevalixxa ruħu mill-appell tas-soċjetajiet konvenuti biex b'hekk intavola appell inċidentali kontrihom.

7. L-aggravju tiegħu huwa wieħed u jikkonsisti fil-fatt li l-ewwel Qorti ma daħlitx fil-**kwistjoni tad-danni** li huwa allegatament sofra minħabba l-aġir tas-soċjetajiet konvenuti. Isostni li huwa rrifjuta l-ħaġa għaliex ma kinitx tal-kwalita` mwegħda ai termini tal-Artikolu 1390, u jfakkar li skont l-istess artikolu għandu dritt jitlob id-danni konsegwenzjali. Jilmenta li għalkemm l-ewwel Qorti tagħtu raġun tant li ordnat li kellu jitħallas lura l-prezz tal-vettura, hija naqset milli ttih id-danni. Huwa effettivament qed jippretendi l-ammont ta' €8,027.60 in linea ta' danni, abbażi tal-*job cards* esebiti Dok UCIM7 sa Dok UCIM11.

**RISPOSTA tas-soċjetajiet konvenuti għall-appell inċidentali tal-attur appellat (18.03.2014):**

8. Is-soċjetajiet konvenuti wieġbu biex jgħidu li l-appell inċidentali tal-attur għandu jiġi miċħud stante li l-aggravju tiegħu huwa infondat.

9. Isostnu li kienet korretta l-ewwel Qorti meta irriteniet li ġialadarba

l-attur aċċetta li l-magna tinbidel a spejjeż tiegħu mingħajr ebda riserva, allura mhux ġustifikat jitlob danni konnessi mal-bdil tagħha. Jikkummentaw li dan l-attur m'għamlux b'kapriċċ jew biex jagħmlilhom xi pjaċir iżda proprju għaliex kien hemm provi lampanti li l-ħsara li ġarrbet l-ewwel magna ma kienet riżultat ta' xejn ħlief it-traskuraġni ta' ibnu; u jfakkru li l-ewwel Qorti kienet irriferiet għar-rapport tal-espert in materja Joseph Zammit fejn ikkonkluda li n-nuqqas ta' żejt fil-magna kien ikkawżat minn użu ħażin tal-vettura kif kien evidenti mill-*clutch lining*, *pressure plate* u *fly wheel*, u min-nuqqas ta' *servicing* regolari.

**<u>VERŻJONI TAL-ATTUR DWAR IĊ-ĊIRKOSTANZI LI WASSLU GĦALL-VERTENZA:</u>**

10. **<u>Ryan Buhagiar</u>** (bin l-attur) fl-affidavit tiegħu[1] xehed li l-vettura in kwistjoni inxtrat għalih u li hu kienu jieħu ħsiebha skrupolożament:

> *"On the <u>10th of Novembru 2006</u> my father took delivery of a new Alfa Romeo Brera from UCIM CO Ltd with registration number BET-510 at the price of around twenty four thousand Maltese Liri…..My father intended that the Brera be for my own use….I am very reasonable and responsible in my life and took care of my car scrupulously. It was frequently washed, driven carefully and regularly serviced".*

11. Kompla jgħid li fis-<u>16 ta' Diċembru 2008</u> meta ħadha għal service għand il-UCIM informa lit-*technician* li kien osserva li kien hemm ħoss ġej mill-i*steering*. L-għada ġie infurmat li l-i*steering* fil-fatt kellu problema

[1] Affidavit ta' Ryan Buhagiar, fol 114-119

u kellu bżonn jinbidel. Wara xi diskussjonijiet li saru dan fil-fatt inbidel a spejjeż ta' UCIM, iżda ġie rimpjazzat b'wieħed użat għaliex UCIM infurmawh li ma kinux "*capable of sourcing a new one from the manufacturer".* Qal li xahrejn wara (fis-16 ta' Frar 2009) huwa ħa lura l-vettura iżda innota li l-gauge taż-żejt kien qed jilgħab. Qal li għalkemm informa lit-*technician* b'dan il-fatt, huwa qallu li dak kien minħabba li sensittiv għall-inklinazzjonijiet tat-triq.

12. Spjega li sussegwentement fit-28 ta' April 2009, waqt li kien qed isuq il-vettura sema' ħsejjes ġejjin mill-magna u l-"*onboard display*" indikatlu biex jieqaf isuq, u hekk għamel. L-għada pero` saq għal għand il-UCIM u l-għada s-Sur Eric Zammit ċempillu biex jinfurmah li l-magna kienet mingħajr żejt u li aktarx sarilha d-dannu.

> *"On the 30th of April 2009 Mr Zammit called me to inform me that the engine was found with no oil and that it might have suffered considerable damage. The following Monday a decision was taken to dismantle the engine to find the root cause of the problem and the extent of the damage."*

13. Wara li inqalgħet il-magna, xahar wara, ġie infurmat li wieħed mis-"*cylinder bores*" kien ġarrab il-ħsara u għalhekk kien ħaraq iż-żejt. Qal li l-mechanics tiegħu u tal-UCIM ma qablux fuq x'kien il-kaġun tal-ħsara, u peress li l-UCIM ma aċċettat l-ebda responsabbilta` da parti tagħha u:

> "*…we were forced to have the car repaired at our own expense….the expenses were estimated at over seven thousand Euros….Some time later, just before the repairs started, we were informed that UCIM offered to get a new engine, which they would*

> *replace at the same price as the one they had quoted for the repairs. We agreed to the proposal, as we felt that it was technically more acceptable to have a new engine."*

14. Kompla jgħid li wara li ġiet installata l-magna l-ġdida "*we collected the car on the 10th of May 2010. At this stage the mileage meter was set to zero."* Madanakollu qal li għall-ewwel ġimgħa ta' Ġunju 2010 beda jkollu problemi meta jiġi biex jistartja, u addirittura beda jixgħel id-dawl taċ-"*check engine*". Għalhekk fid-9 ta' Ġunju 2010 il-vettura ġiet ittowjata għand il-UCIM. Ġie infurmat li d-dawl taċ-"*check engine*" kienet ġejja minn installazzjoni ħażina tal-"*lambda sensor"*; u fir-rigward tal-problema tal-ignition *għamlu injector cleaner*. Ftit wara li ħadha lura, f'diversi okkażjonijiet osserva li l-livell taż-żejt skont il-*gauge* ma kienx qed jirrifletti l-livell effettiv skont id-*dipstick*. Reġa' ħadha lura għand il-UCIM u wara li ġiet spezzjonata infurmawh li kien irriżultalhom li l-vettura kienet qed tikkonsma ħafna żejt.

> "*The next day Eric called and confirmed that the car had consumed 1.5 liters of oil since the car was delivered[2]; therefore in about 916 kilometres. Over the next week Eric called everyday without an explanation for the oil loss and confirmed that Alfa Romeo in Italy did not know what the problem could be and that he was waiting for further instructions. The car was delivered back to my father on Wednesday 30th June 2010 with the agreement that UCIM would monitor the oil consumption on a weekly basis. On Wednesday 14th July 2010 the car was taken back to UCIM and the oil consumption was checked in my presence. The car used up 1 litre of oil in about 760km. On that same occasion Eric told me that he had ordered a new engine oil bar graph. The engine was topped up with oil and we took the car back."*

15. Reġa' ħadha ġimgħa wara u ġie kkonstatat li l-vettura kienet

[2] cioe` minn meta kien ħadha lura bit-tieni magna

baqgħet titlef iż-żejt b'mod anormali. Ix-xhud qal li missieru ma riedx li jibqgħu f'sitwazzjoni fejn il-vettura trid tiżdidilha ż-żejt kull ftit kilometri biex ma tiġrix ħsara lill-magna. Sussegwentement hu u missieru marru għand avukat u ingħataw il-parir li jiddepożitaw iċ-ċwievet tal-vettura fil-qorti.

16. Kontro-eżaminat fl-1 ta' Lulju 2013[3] xehed li għalkemm fil-manual hemm ndikat li l-ewwel service irid isir wara 15,000 kilometru, kien iċċekkja mad-dealer tal-Alfa Romeo UK u kien ġie infurmat li l-ewwel service kellu jsir wara 28,000 kilometru. Fir-rigward tal-problema taż-żejt li reġgħet inqalgħet wara li ġiet installata t-tieni magna, qal li hu u missieru ma aċċettawx li din tiżżarma.

17. **L-attur Dr Louis Buhagiar** fix-xiehda tiegħu tal-21 ta' Jannar 2013[4] bażikament jikkonferma dak li xehed ibnu fl-affidavit tiegħu. Kontro-eżaminat fit-23 ta' Mejju 2013[5] ikkonferma ukoll li wara li inqalgħu il-problemi bit-tieni magna ma riedx iħalli lill-*mechanics* tal-UCIM iżarmawha.

18. **Peter Cachia**[6] u missieru **Carmel Cachia**[7], it-tnejn *mechanics* li jafu sew lill-attur kienu ġew avviċinati minnu għall-parir tagħhom meta inqalgħet il-problema fil-vettura odjerna. Fil-fatt kienu marru fil-*workshop*

[3] Kontro-eżami ta' Ryan Buhagiar tal-1 ta' Lulju 2013, fol 183 et seq
[4] Xiehda ta' Dr Louis Buhagiar tal-21 ta' Jannar 2013, fol 162
[5] Kontro-eżami ta' Dr Louis Buhagiar tat-23 ta' Mejju 2013, fol 168 et seq
[6] Affidavit ta' Peter Cachia fol 121-122
[7] Affidavit ta' Carmel Cachia fol 120

tal-UCIM meta l-vettura kellha l-ewwel magna żarmata. Peter Cachia xehed li ħadem fuq diversi vetturi tat-tip Alfa u sostna li mhux suppost li jkollhom bżonn iż-żejt bejn *service* u ieħor sa kemm ma jkunx hemm xi ħsara oħra. Qal li wara li inbidlet il-magna Ryan Buhagiar kien ċempillu u qallu li l-vettura kien naqqsilha ż-żejt f'daqqa. Qal li effettivament meta ċċekja l-livell taż-żejt ra li kienet nieqsa sew u addirittura kienet qed ittella' d-duħħan mit-tapp taż-żejt. Huwa tah il-parir li ma jsuqhiex.

**VERŻJONI TAL-"UCIM" DWAR IĊ-ĊIRKOSTANZI LI WASSLU GĦALL-VERTENZA:**

19. **Eric Zammit**, *assistant service manager* mal-UCIM, fix-xiehda tiegħu tal-14 ta' Ġunju 2012[8] xehed li jiftakar ċar li l-vettura kienet iddaħħlet għall-ewwel service tagħha wara li kien qabeż l-*istipulated mileage,* għalkemm ma ftakarx eżatt b'kemm. Qal li meta żarmaw l-ewwel magna sabu grif f'ċilindru minnhom. Meta reġgħet inqalgħet il-kwistjoni taż-żejt anke bit-tieni magna qal li l-attur ma riedx li jerġgħu iżarmawha u għalhekk ma setgħux jikkonstataw x'kien il-kaġun.

20. **Anthony Galea**, li fiż-żmien tal-kwistjoni kien jaħdem bħala *foreman* fil-garaxx tal-UCIM, fix-xiehda tiegħu tas-6 ta' Novembru 2012[9] qal li meta inqalgħet il-problema taż-żejt l-ewwel darba (cioe` meta l-

[8] Xiehda ta' Eric Zammit, fol 129 et seq
[9] Xiehda ta' Anthony Galea tas-6 ta' Novembru 2012, fol 145 et seq

vettura kienet għadha bil-magna oriġinali) kienu ċċekkjaw il-vettura u għamlu testijiet bil-kompjuter u kien irriżulta li l-vettura kienet qed tinstaq b'mod eċċessiv:

> *"…sibna li l-karozza, għamilna testijiet bil-kompjuter, kienet użata b'mod, skont il-kompjuter, li jgħidlek il-magna ġiet użata b'mod eċċessiv bħala magna, bħala dawrien li jista' jikkaġuna ammont eċċessiv ta' żejt li jiġi maħruq aktar minn normali…..il-magna tiġi tagħqad ħafna iżjed, tiġi użata dejjem mal-maximum tagħha."*

21. Qal li l-vettura kienet qed tinstaq b'gerijiet baxxi u kien hemm perjodu fejn is-*service* dam ma sar. Skont hu ċ-ċilindru tal-magna ġralu ħsara effett tal-użu ħażin. Qal li ċ-ċilindru jingiref u meta jingiref jista' jaħrablu ż-żejt. In oltre qal li iktar ma dam ma sar is-service iktar inħaraq iż-żejt.

22. Kwantu għall-problema taż-żejt li reġgħet tfaċċat wara li nbidlet il-magna qal li mit-testijiet li għamlu irriżulta li wieħed mill-erba' ċilindri kien baxx iktar min-normal. Spjega li meta jkun hemm ċilindru baxx, il-*compression* baxxa, "*jeskejpjaw gases u jeskejpja ż-żejt*." Xehed li peress li l-attur ma riedx li tiġi żarmata t-tieni magna ma setgħux jivverifikaw aktar fil-fond.

23. Is-surveyor **<u>Philip Zammit</u>** (Dok UCIM2[10]) ġie mqabbad mis-soċjeta` UCIM biex jispezzjona l-vettura wara li nstab li kellha l-ħsara fl-ewwel magna, u dan biex jara x'seta' wassal biex il-magna tispiċċa bla

[10] Fol 31 et seq

żejt u konsegwentement bi ħsara konsiderevoli. Huwa kkonstata li l-ħsara kollha li saret fil-magna ġiet ikkawżata min-nuqqas ta' żejt li eventwalment wassal għal nuqqas ta' pressa ta' żejt. Ikkonstata ukoll li l-istat li fiha kienu jinsabu l-*clutch,* il-*pressure plate*, il-*flywheel* u t-*tyres* ta' quddiem jindikaw li s-sewwieq/a kienu kemmxejn "kattivi" fis-sewqan. In oltre osserva li l-ewwel service sar wara 19,183 kilometri u mhux 15,000 kilometri kif suppost. Spjega li jekk wieħed jagħmel daqsxejn ta' kalkolu isib li kieku l-magna kienet qed tikkonsma massimu ta' 250 gramma żejt kull 1,000 kilometru, il-konsum globali taż-żejt kien ikun ta' 4.8 litri, biżżejjed biex tonqos il-pressa taż-żejt u tikkawża grif f'xi ċilindru. Huwa kkonkluda li l-konsum esaġerat fiż-żejt tal-magna kellu l-bidu tiegħu fl-ewwel 19,000 kilometru, u dana tort tat-traskuraġni u n-negliġenza tas-sewwieq/a, li lanqas ġiethom ir-reqqa jaraw il-livell taż-żejt tul il-perjodu kollu. (Kwantu għall-problemi li nqalgħu wara l-istallazzjoni tat-tieni magna ma hemm l-ebda rapport tekniku).

## <u>KUNSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI:</u>

### <u>L-artikoli tal-liġi li jissemmew f'dan il-każ:</u>

24. Huwa opportun li din il-Qorti tibda' billi tagħmel riferenza għas-segwenti provvedimenti tal-Kodiċi Ċivili li jissemmew f'dan il-każ:

- **<u>Artikolu 1390</u>** (Titolu VI *"Fuq il-Bejgħ";* Sub-titolu IV *"Fuq l-Obbligi tal-Bejjigħ";* § *"Fuq il-Kunsinna"*)

> *"Jekk il-ħaġa li l-bejjiegħ iġib biex jikkunsinna ma tkunx tal-kwalità mwiegħda, jew ma tkunx bħall-kampjun li fuqu l-bejgħ ikun sar, ix-xerrej jista' jagħżel jew li jirrifjuta l-ħaġa u jitlob id-danni, jew li jircievi l-ħaġa bi prezz anqas fuq stima ta' periti."*

- **<u>Artikolu 1407(1)</u>** (Titolu VI "*Fuq il-Bejgħ*"; Sub-titolu IV "*Fuq l-Obbligi tal-Bejjigħ*"; § "*Fuq il-Kunsinna"*)

> *"L-azzjoni li tmiss lill-bejjiegħ għaż-żjieda tal-prezz, u dik li tmiss lix-xerrej għat-tnaqqis tal-prezz jew biex jerġa' lura mill-kuntratt, tintilef egħluq sentejn minn dak in-nhar tal-kuntratt."*

- **<u>Artikolu 2137</u>** (Titolu XXV "*Fuq il-Preskrizzjoni*"; Sub-titolu IV "*Fuq iż-żmien meħtieġ għall-preskrizzjoni*")

> "*Bla ħsara ta' dispożizzjonijiet oħra tal-liġi, il-preskrizzjoni ta' azzjoni tibda minn dak in-nhar li din l-azzjoni tista' tiġi eżerċitata; mingħajr ma jittieħed qies tal-istat jew tal-kondizzjoni tal-persuna li lilha din l-azzjoni tmiss."*

**<u>Id-deċiżjoni tal-ewwel Qorti:</u>**

25. L-ewwel Qorti irrikonoxxiet li l-azzjoni tal-attur ġiet intavolata ai termini tal-Artikolu 1390 u rriteniet li fil-fehma tagħha l-attur ibbaża t-talba tiegħu fuq il-bejgħ u l-installazzjoni tat-<u>tieni magna</u>.

26. Dwar l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni, l-ewwel Qorti irriteniet li l-perjodu ta' sentejn stipulat fl-Artikolu 1407(1) għandu jitqies li beda' jiddekorri mhux mid-data ta' meta sar il-bejgħ tal-vettura fl-2006, iżda *"minn meta sar in-negozju ossia ftehim ġdid fejn il-vettura li inbiegħet mis-soċjeta` konvenuta ġiet attrezzata b'magna ġdida".* Qieset li l-kawża nfetħet fl-istess sena li nbiegħet u tqegħdet it-tieni magna fil-

vettura u għalhekk irriżultalha li l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni kienet infondata. (Għalkemm *en passant* għamlet referenza għall-Artikolu 2137, hija bbażat il-kunsiderazzjonijiet tagħha dwar l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni fuq l-Artikolu 1407(1)).

27. Fil-mertu, l-ewwel Qorti irriżultalha li t-tieni magna ma kinitx tal-kwalita` mwegħda ai termini tal-Artikolu 1390 (cioe` adatta għall-użu normali ta' utent li m'għandux fi kliem l-attur joqgħod jitfa' ż-żejt kull ftit kilometri) u għalhekk ordnat lill-konvenuti iħallsu lill-attur il-prezz kollu tal-vettura skont il-fattura tal-bejgħ (għalkemm ma ġietx esebita).

**<u>L-oggett bażi tal-azzjoni: il-vettura jew it-tieni magna?</u>**

28. Din il-Qorti jidhrilha li huwa importantissimu fl-ewwel lok li jiġi stabbilit fuqhiex hija bbażata l-azzjoni odjerna. Għalkemm l-ewwel Qorti irrikonoxxiet li l-azzjoni tal-attur hija għax-xoljiment tal-bejgħ <u>tal-vettura</u> (tant li ordnat lill-konvenuti iħallsu lill-attur il-prezz <u>tal-vettura</u>) hija irriteniet li t-talba tal-attur hija bbażata fuq il-bejgħ u l-installazzjoni <u>tat-tieni magna.</u>

29. Din il-Qorti ma taqbilx ma' din il-pożizzjoni tal-ewwel Qorti. Huwa minnu li l-magna hija parti importanti ħafna mill-vettura, iżda jibqa' l-fatt li l-bejgħ tal-vettura u l-bejgħ tat-tieni magna huma distinti minn xulxin u ma jistgħux jiġu amalgamati bħallikieku kienu ħaġa waħda.

30. Għandhom raġun għalhekk il-konvenuti appellanti jsostnu illi l-attur imposta l-kawża fuq il-kwalita` mhux mifthema tal-vettura nfisha u mhux fuq il-kwalita` mhux miftehma tat-tieni magna.

**L-Artikolu 1390 u l-applikabilita` tiegħu għall-każ odjern:**

31. Din il-Qorti jidhrilha li huwa wkoll importanti fit-tieni lok li jiġi aċċertat li ċ-ċirkostanzi tal-każ effettivament jinkwadraw taħt l-Artikolu 1390, li huwa l-artikolu li abbażi tiegħu l-attur intavola l-azzjoni odjerna. Fil-fatt fir-rikors ġuramentat tiegħu huwa ppremetta:

> "*Illi jeżistu l-elementi kollha a tenur tal-Artikolu 1390 tal-Kap 16 fis-sens illi l-vettura kkonsenjata lill-konvenut*[11] *ma kinitx skont il-kwalita` miftehma."*

32. L-ewwel Qorti ikkummentat li mill-premessi u t-talbiet jirriżulta ċar li l-kawża hija bbażata fuq il-konsenja ta' ħaġa mhux tajba għall-iskop mixtri. Osservat li l-konvenuti ma għamlu l-ebda oġġezzjoni jew oppożizzjoni għan-natura tal-azzjoni tant li l-eċċezzjonijiet tagħhom huma fil-mertu fis-sens li ġiet ikkonsenjata vettura skont il-kwalita` miftehma u li ma jistgħux jinżammu responsabbli għal dak li ma ġiex ippruvat, cioe` l-ilment dwar it-tieni magna, billi ma tħallewx iħottuha. Ikkummentat illi dawn huma l-parametri tal-azzjoni u għalhekk hija tintrabat magħhom.

[11] evidentement dan huwa żball u jrid jaqra "lill-attur" jew "mill-konvenut"

33. Din il-Qorti pero` ma tistax ma tosservax li l-Artikolu 1390 jirrigwarda partikolarment il-mument tal-konsenja tal-ħaġa[12], u cioe` meta x-xerrej josserva illi l-ħaġa li qed tiġi konsenjata lilu mhix tal-kwalita` mwegħda. F'tali każ jista' jirrifjuta l-ħaġa u jitlob id-danni jew jirċeviha (minkejja li jkun induna li mhix tal-kwalita` mwegħda) iżda b'riduzzjoni fil-prezz fuq stima tal-periti.

34. Fil-kawża "Emmanuele Calleja vs Joseph Grech" (10.06.1965) il-Prim Awla tal-Qorti Ċivili osservat li l-qrati tagħna kienu qed japplikaw dan l-artikolu (dak iż-żmien l-Art. 1440) indiskriminatament: u cioe` kemm meta x-xerrej ikun diġa` irċieva l-konsenja tal-ħaġa u kemm meta ma jkunx. L-analiżi tal-Qorti pero` issegwi l-ħsieb li dan l-artikolu m'għandux japplika wara li l-konsenja tkun ġiet riċevuta. Il-Qorti tgħid hekk:

> *"…fil-fehma ta' din il-qorti, l-azzjoni speċjali taħt din id-dispożizzjoni għandha tippreċedi l-konsenja jew almenu tkun konkomittanti magħha jew issir immedjatament fuqha meta l-venditur ikun, per eżempju, bagħat il-ħaġa lill-kumpratur mingħajr ma dan ikun raha. Tant jidher ċar mhux biss mil-lokuzzjoni espressa tal-liġi "If the thing which the seller offers to deliver", kliem li fit-test Taljan jaqra "se la cosa che il venditore si escibisce a consegnare", imma wkoll – u f'dan il-każ, bħala sorġenti ta' interpretazzjoni, si tratta ta' mhux minn sempliċi kwistjoni ta' "heading" imma mill-ordni sħiħa ta' ideat fejn il-leġislatur inserixxa d-dispożizzjoni – mill-fatt li l-Artikolu 1440 jinsab imqiegħed fost id-dispożizzjonijiet li jirregolaw il-konsenja jew tradizzjoni tal-ħaġa mibjugħa…..jidher li l-leġislatur introduċa l-Artikolu 1440, li ma jirrikorrix fil-Kodiċi Ċivili Franċiż jew Taljan, biex sa l-aħħar mument qabel il-konsenja jagħti lill-kompratur l-opportunita`, ġustifikata mid-differenza mill-kwalita` promessa, biex*

[12] (Tant hu hekk li jaqa' taħt it-titolu § "***Fuq il-Kunsinna*"**).

*jirripudja l-kuntratt ġia perfezzjonat u joħroġ minnu – jikkanċellah u b'hekk jevita l-inkonvenjenza tal-pagament u tar-riċezzjoni fiżika tal-paga u r-riskju attendenti l-azzjoni għar-reżoluzzjoni wara li jkun irċieva l-konsenja."*

Ikompli jispega illi għandha ssir distinzjoni bejn (i) azzjoni għal riżoluzzjoni minħabba inadempjenza li hija bbażata fuq il-prinċipju ġenerali "*adimplenti non est adimplendum*" u fuq il-patt kommissorju taċitu tipiku għall-kuntratti bilaterali kollha, u (ii) azzjoni imposta fuq l-Artikolu 1440 li huwa dispożizzjoni *sui generis* li japplika biss għall-każijiet fih espressament previsti. Jgħid li għandhom jiġu segwiti dawk is-sentenzi li jammettu r-riżoluzzjoni anke wara l-konsenja, iżda mhux in kwantu jikkollokaw l-azzjoni taħt l-Artikolu 1440.

35. Fis-sentenza mogħtija fil-kawża "Paul Galea pen vs Carmel Galea" (31.01.2003) il-Prim Awla tal-Qorti Ċivili spjegat illi:

*"Mir-riċerka kondotta mill-Qorti jidher li saż-żminijiet riċenti l-Qorti tal-Appell segwiet it-tifsira adottata f'dawk il-ġudikati li rritenew li biex ix-xerrej jeħles mir-rabta kontrattwali li kien daħal fiha li jakkwista l-oġġett mingħand il-venditur, fejn dak l-oġġett ma jkunx konformi mal-kampjun jew skont il-kwalita` mwegħda, hu kellu jirrifjutaħ jew materjalment jew billi jiddepożitah taħt l-Awtorita` tal-Qorti. (Avv. Dr Louis Cassar Pullicino noe vs Pauline Buhagiar noe – App. 28.04.2000)*

*…….Kif issokta jingħad fis-sentenza fl-ismijiet "John Mary Dalli nomine vs Grezzju Patiniott, Appell, 19 ta' Mejju 2000, "din kienet difiża li l-kompratur seta' javvanza wkoll per via di eccezione jekk il-venditur jinterpellah biex iħallas il-prezz tal-oġġett in vendita. Mill-banda l-oħra jekk il-kompratur jagħżel li jżomm l-oġġett lilu konsenjat u bl-ebda mod ma jirreaġixxi skont kif trid il-liġi għall-fatt li dak l-oġġett ma jkunx skont il-kampjun jew tal-kwalita` pattwita, l-kompratur ikun qiegħed jippreġudika irrimedjabbilment il-pożizzjoni tiegħu."*

36. F'sentenza mogħtija fil-kawża fl-ismijiet "David Pace vs Tony Vella" (12.11.2013), il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili spjegat kif għall-finijiet tal-Artikolu 1390:

> *"Il-forma ġuridika tar-rifjut hi komunement meqjusa bħala d-depożitu formali tal-oġġett permezz ta' cedola fil-Qorti u f'każijiet ta' oġġetti kbar id-depożitu fiżiku tal-oġġett għand konsinjatarju."*

37. Issa fil-każ odjern il-vettura ma kinitx qegħda tiġi kkonsenjata lill-attur, għaliex l-attur kien ħa l-konsenja tagħha adirittura erba' snin qabel ma nfetħet il-kawża, u ċ-ċwievet ġew depożitati kontestwalment mal-kawża (cioe` erba' snin wara) u għalhekk lanqas ma jista' jitqies li tali depożitu jekwivali għal rifjut tal-vettura għall-finijiet tal-Artikolu 1390. Għalhekk fil-fehma ta' din il-Qorti l-azzjoni ġiet proposta ħażin taħt l-Artikolu 1390 u għal dan il-fatt biss kellha tfalli.

**L-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni tal-azzjoni:**

38. Fi kwalunkwe każ, anke kieku kellu jitqies li l-Artikolu 1390 huwa applikabbli għaċ-ċirkostanzi tal-każ, l-azzjoni xorta waħda kienet tfalli għaliex hija preskritta mhux bi ftit. Stabbilit, kif fuq spjegat, li l-azzjoni u t-talbiet relattivi huma ppernjati fuq il-bejgħ tal-vettura li jirriżulta li sar fl-2006, u mhux fuq il-bejgħ tat-tieni magna li jirriżulta li sar fl-2010, altru li l-perjodu ta' sentejn stipulat fl-Artikolu 1407(1) skada. Fiċ-ċirkostanzi din il-Qorti ser tieqaf hawn peress li mhux il-każ li tgħaddi biex tagħmel kunsiderazzjonijiet dwar il-mertu. Lanqas allura huwa l-kaz li ssir

indagini dwar l-appell incidentali.

**Decide**

39. Għal dawn il-motivi l-appell tal-konvenuti jimmerita li jintlaqa' u din l-Qorti għalhekk qiegħda tirrevoka s-sentenza appellata u tiċħad it-talbiet kollha tal-attur (inkluż dawk mertu tal-appell inċidentali tal-attur, liema appell inċidentali qiegħed jiġi għalhekk miċħud).

40. L-ispejjeż taż-żewġ istanzi għandhom jitħallsu mill-attur appellat.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Azzopardi<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Noel Cuschieri<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr